*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 30

It-Tlieta 17 ta' Awwissu 2021

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Thomas Debattista – Kunsillier
Neil Portelli – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier (virtwalment)
Anabelle Marmara' – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv



J.AG

| | |
|---|---|
| **30.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 30.1.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali bdiet fis-17:00 minhabba li ma' kienx hemm *Quorum*. |
| 30.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li s-Sur Ismael Dalli talab li jattendi ghall-laqgha virtwalment minhabba sitwazzjoni li ma` kellux kontroll fuqa. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti ma' nstabet l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. |
| **30.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 30.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 29, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 30.2.2 | Is-Sur Thomas Debattista ppropona u s-Sur Neil Portelli ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 29, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **30.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 30.3.1 | Is-Sindku ghamel referenza ghax-xoghlijiet li qed isiru fi Triq Xintill minn *Infrastructure* Malta, u nforma lill-Kunsilliera li l-*asphalt* se jitkompla fil-jiem li gejjin. |
| 30.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellem lill-Avukat koncernat fuq il-kaz ta` Vella Group, hekk kif indikat fil-laqgha precedenti. Is-Sindku spjega li se tintbghat ittra legali lill-Vella Group sabiex it-tilwima tal-flus tigi kjarifikata. |
| 30.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li flimkien mal-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit, l-kunsillier s-Sur Thomas Debattista u l-Perita ta` *Infrastructure Malta* attenda laqgha u ntlahaq ftheim li ssir *zebra crossing* bil-*peilkan lights* fit-Triq Tal -Barrani. |
| **30.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 30.5.1 | Ma kienx hemm. |





JAG

| 30.5 | Rapporti |
|---|---|
| 30.5.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunilliera li permezz tal-*Management Letter* l-awdituri nfurmaw lill-Kunsill li jekk Kunsillier ma` jattendiex ghall-laqgha u ma` jibghatx ittra ta` apologija l-*allowance* ghandu jithallas xorta. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera, li s-Sur Ismael Dalli ma kienx thallas tal-*allowance* li nqatalu f`Dicembru 2020 minhabba li kien assenti u ma` nfurmax lill-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li ghaldaqstant is-Sur Ismael Dalli ghandu jiehu rimbors tieghu. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda oggezzjoni f`dan ir-rigward u r-rimbors gie accettat. |
| 30.5.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li f`Ottubru 2021 jaghlaq il-kuntratt mal-iskema tal-Green MT, ghaldaqstant kellha tintbghat proposta liz-zewg skemi awtorizzati li huma Greent MT U Green PAK, sabiex eventwalment tinghazel l-ahjar skema u jsir kutratt gdid. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-proposti tal-iskemi awtorizzati se jkunu prezentati waqt laqgha tal-Kunsill ghad-decizjoni taghhom. |
| 30.5.3 | Is-Sinku prezenta lill-Kunsilliera il-*Quarterly Financial Report* ghall-perjodu 1 ta' April sa l-ahhar ta` Gunju 2021 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unainmu bejn il-Kunsilliera il-*Quarterly Financial Report* ghall-perjodu 1 ta' April sa l-ahhar ta` Gunju 2021 gie approvat, kif prezentat. |
| 30.5.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Bank of Valletta se jkun qed jirranga l-binja amministrattiva tieghu f`Paola, ghaldaqstant wara s-27 t` Awwissu 2021 id-depoziti li l-Kunsill jaghmel darbtejn f`Gimgha se jkollhom isiru f` lokalita` alternattiva. Is-Sindku ppropona lill-Kunsilliera li ghas-sigurta tal-haddiema amministrattivi ikun ghaqli jekk il-Kunsill iqabbad kumpanija tas-sigurta, sabiex il-flus jingabru u jigu depozitati fil-bank mill-istess kumpanija. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li jkun ahjar jekk il-Kunsill jaghmel kuntratt ma` kumpanija tas-sigurta li tigbor u tiddepozita l-flus tal-Kunsill. |
| 30.5.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-Segretarju Ezekuttiv rcieva talba ghall- laqgha mill-*Manager* tal-Bank of Valletta,(BOV) ta` Paola, fejn giet infurmata li r-residenti li jaghmlu uzu mis-servizzi tal-BOV fil-lokalita` ta` Paola huma temporanjament mitluba sabiex jinqdew mill-BOV Fgura. Is-Sindku spjega li ghalissa l-ATM li tinsab f` Paola se tibqgha nstallata fejn qieghda u l-BOV se jkun qed isib post alternattiv la darba jkollha tinghalaq temporanjament. |





JAG

| | |
|---|---|
| 30.5.6 | Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fi-dettal l-applikazzjoni tal-kompetizzjoni ta` Transport Malta. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-applikazzjoni ghall-kompetizzjoni tat-Transport Malta kienet kwazi kompluta. Hija spjegat li wara diskussjoni mal-Vici Sindku bhala d-dekasteru taghha, inkitbet il-proposta u kif ukoll gew proposti zewg titli ghall-progett, li huma 60T *on the go* jew 60+ *on the go*. Is-Segretarju Ezekuttiv talab l-approvazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-isem tal-progett kif ukoll fin-nefqa tal-finanzi u fakkret li jekk il-Kunsill ma` jirbahx l-ewwel premju ikollu jaghmel tajjeb ghad-differenza. Hija nfurmat lill-Kunsilliera li l-ewwel premju jikkonsisti f` 50,000Eur, it-tieni fi 30,000Eur u t-tielet u r-raba` f 25,000Eur. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li jekk il-Kunsill ma jirbahx l-ewwel premju u jirbah it-tieni, t-tielet jew ir raba`, ghandu jaghmel tajjeb ghad-differenza. Il-Kunsilliera prezenti tennu kemm jista` jkun utli l-Van sabiex il-Kunsill jassisti l-anzjani tal-lokalita` fil-bzonnijiet bazici bhal servizzi bankarji, servizzi socjali u klinika tas-sahha, li mhux offruti fil-lokalita`. |
| **30.6** | **Mozzjonijiet** |
| 30.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **30.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 30.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ghalkemm saret il-BOQ tal-progett ta` Gnien Joanne u sar anke d-draft tat-*Tender* xorta mhux se jkun publikat ghalissa, minhabba li talab lill-*Parks Malta* ghall-aktar ghajnuna fit-tisbih tal-gnien. Is-Sindku spjega li se jistenna ftit granet ghar-risposta u jekk fin-negattiv jinhareg mill-ewwel it-*Tender* tal-Gnien liema fondi se jinaghtaw mill-LESA. |
| 30.7.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li jehtieg li tinzamm laqgha flimkien mal-Perita, mas-Segretraju Ezekuttiv, l-Kunsilliera s-Sur Thomas Debattista u s-Sur Neil Portelli, sabiex jibdew it-tahdidiet fuq il-progett tal-5-a*side ground* u jiskatta l-process tat-*Tender*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li tigi mifthema data mill-aktar fis. |

| | |
|---|---|
| **30.8** | Approvazzjoni tar-risposta tal- *Management Letter* 2021 |
| 30.8.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-*Management Letter* finali li ntbghatet mill-awdituri fis-26 ta Lulju u spjega li qed jahdem fuq in-nuqqasijiet li nstabu u fuq dak li gie diskuss maghhom. Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta l- *Management Letter Reply* ghall-approvazzjoni tal-Kunsill u nforma lill-dawk prezenti li kienet intbghatitilhom b`emejl bid-dokumenti msemmija flimkien mal-Agenda u l-minuti. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera l- *Management Letter* flimkien mal-*Management Letter Reply* gew approvati. |
| **30.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 30.9.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 25/08) flimkien mal-lista tal- petty cash maħruġ matul ix-xahar ta' Lulju/Awwissu 2021 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 30.9.2 | Fuq mozzjoni tas-Sa Anabelle Marmara ssekondata mis-Sur Chrisitan Pace, l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **30.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 30.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19.45p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 13 ta' Settembru 2021 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 13 ta' Settembru 2021.

**Joseph Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*